**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 19 ta' Gunju 2024**

Rikors Numru: 203/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 2378/2012)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi hija zzewwget lil C B permezz ta' cerimonja religjuza nhar l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012), certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom zewgt itfal, D li twieldet nhar il-hdax (11) t' April tas-sena elfejn u tnax (2012), certifikat tat- twelid hawn anness u mmarkat Dok B, u Noah li twieled nhar is- sebgha u ghoxrin (27) t'April elfejn u erbatax (2014), certifikat tat- twelid hawn anness u mmarkat Dok C, u m'hemmx pendenzi ta' manteniment ghalihom skond il-kuntratt ta' separazzjoni hawn taht imsemmi,

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tnejn u ghoxrin (22) t' April, tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), liema kopja qed jigi hawn anness u mmarkat Dok D;

4. Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet.

5. Illi skond l-emendi l-godda fil-Kodici Civili maghmula mill-Att XXV tal-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), senjatament fl-artikolu 66B, il-partijiet huma separati bil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, u l- ulied minuri minn dan iz-zwieg qeghdin jircievu manteniment adekwat ghalihom skond il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, u ghaldaqstant jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet skond 1-Artikolu 66B tal- Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi anness ma' dan ir-rikors hawn ukoll affidavit tar-rikorrenti A B (Dok E) liema affidavit jikkonferma li m'hemm ebda' tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. TIDDIKJARA z-zwieg tar-rikorrenti A B minn ma' C B mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,

2. TORDNA lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht kull provvediment iehor li din l- Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez karigu tal-esponenti f'sehem indaqs bejniethom

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Mejju 2024;

Semgħet lill-intimat preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' April 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.